MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Numru 900/2005

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

vs

Frank Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 370171(m), talli:

1. fil-5 ta’ Ottubru 2005 u fil-jiem u gimghat ta’ qabel gewwa tas-Sliema u f’partijiet ohra f’dawn il-Gzejjer impiega jew ta xoghol lill persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impieg jew xoghol skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 217;
2. bhala persuna responsabbli ta xoghol li kien qed isir gewwa Tas-Sliema u nhawi ohra f’Malta impijega persuni

li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali;

3. fl-istess cirkostanzi bhala principal jew il-persuna li jimpiega persuni ohra full time jew part time jew xort' ohra b'kuntratt definit jew indefinite jew bi prova naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3A sa 10).

Rat l-artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali permezz ta' liema irrinvija l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi dwar il-htija jew le tal-akkusat;

Rat l-kunsens tal-istess sabiex il-kawza tinstema sommatjament;

Semghet ix-xhieda u l-akkusat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:
L-akkuzi jittrattaw l-impieg ta' persuna mhux esenti igifieri persuna li ma kienx cittadin Malti u ma kellux licenza biex tahdem f'Malta oltre wkoll li naqas li jinnotifika dan l-impieg lill-awtorita' relattiva; huma l-akkuzi ippotizzati taht l-Kap 217 u l-Avviz Legali 110/1993.

Bhala fatt johrog wisq car mill-provi li l-akkuzat, li jaghmel xoghol ta' tqeghid ta' madum, kien effettivament impiega lil certu Bassel Affat fuq appalt li l-akkuzat kien qieghed dak iz-zmien kuntrattat jaghmel fuq xi appartament f'Tas-Sliema. Dan il-fatt johrog ineccepibbilment pruvat mill-provi u l-akkuzat innifsu ma jichdux.

Id-difiza tieghu hi li meta gie mitlub minn parenti ta' dan Basel Affat, cittadin Siryan, dwar jekk kellux xi opportunitajiet ta' xoghol ghall-imsemmi Affat, l-akkuzat kien ingaggah wara li kien gie accertat verbalment sija

mill-parenti u sija minn Affatt innifsu dwar li kellu licenzja li jahdem Malta. Hu immaterjali, fid-dawl tal-akkuzi cari u specifici fuq liema bazi kien ingaggah u taht liema kundizzjonijiet.

Il-kaz pero, fil-fehma tal-Qorti, huwa wiehed li jista jigi sintetizzat fil-massima ‘culpa dolo aeqiparatur’, fis-sens li f’kawzi bhal dawn dak li jinnecessita li jkun pruvat huwa l-vjolazzjoni tal-ligi permezz ta’ ksur ta’ obbligu jew att ta’ negligenza.

L-akkuzat fil-kaz in disamina strahh fuq dak li qalulu minghajr ma accerta ruhu dwar l-istatus tax-xoghol tal-impiegat prospettiv meta seta’ facilment jottjeni l-informazzjoni fir-rigward. Dana jammonta ghall-att ta’ negligenza, u wkoll ksur ta’ obbligu, li jinnewtralizzaw d-difiza tieghu tan-nuqqas ta’ ‘mens rea’.

Konsegwentement issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217, r-regolament 7 tal-Avviz legali 110/1993 u l-Artikolu 17 tal-Kap 9. Tikkundannah multa komplessiva ta’ elf u mitejn euro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------